MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 481/2014

Avukat Dr. A B

u

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-26 ta’ Gunju 1994 fil-Kappella li tinsab San Pawl tat-Targa, Naxxar u z-zwieg gie registrat bin-numru progressiv 0286531. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed tigi annessa u mmarkata Dok. A.

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhom l-ebda tfal.

3. Illi qabel iz-zwieg, il-partijiet eskludew minnufih il-Kommunjoni tal-Akkwisti u z-zwieg bejn il-partijiet gie regolat bir-regim patrimonjali tas-separazzjoni tal-assi kif indikat fil-kuntratt datat 15 ta’ Gunju 1994 fl-atti tan-nutar Dr. Joseph Sciriha. Kopja tal-kuntratt qed tigi annessa u mmarkata Dok. B.

4. Illi matul il-perjodu taz-zwieg, il-partijiet ma kellhom u ma akkwistaw l-ebda proprjeta konguntivament u ghalhekk ma kien hemm u ma hemm l-ebda proprjeta mizmuma in komproprjeta bejniethom.

5. Illi iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar tmien snin. Ma jezisti assolutament l-ebda prospett jew possibilita ta’ rikonciljazzjoni u entrambi l-partijiet, ghal perjodu ta’ oltre erba snin, ilhom jghixu hajja ghal kollox separata u indipendenti minn ma xulxin.

6. Illi in vista tas-separazzjoni *de facto* bejn il-partijiet tmien snin ilu u fil-kuntest tal-istess, ir-rikorrent A B ittrasferixxa b’titolu ta’ donazzjoni lir-rikorrenti is-somma ta’ liri maltin mija u sittin elf (LM160,000) ekwivalenti ghal euro tlett mija u tnejn u sebghin elf u tmien mija (€372,800) u dan ai termini ta’ kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone datat 29 ta’ Novembru 2006. Kopja tal-Kuntratt qed jigi annessa u mmarkat Dok. C.

7. Illi r-rikorrenti entrambi ghandhom mezzi finanzjarji separati u indipendenti sabiex imantnu lilhom infushom u ghalhekk ma jezistu l-ebda pretensjonijiet jew obbligi ghal hlas ta’ manteniment minn parti lejn il-parti l-ohra.

8. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-paragrafu precedenti nonostante illi z-zewg partijiet entrambi ghandhom mezzi finanzjarji sufficjenti sabiex imantnu lilhom infushom indipendentement u separatament, ir-rikorrent A B unilateralment u voluntarjament jikkontribwixxi s-somma ta’ tletin elf euro (€30,000( kull sena a favur ir-rikorrenti C B u dan sa mis-sena 2007. Dan l-impenn sejjer jibqa fis-sehh bi ftehim bejn il-partijiet.

9. Illi in vista tas-suespost u a bazi ta’ l-istess, il-partijiet ma kellhom u ma ghandhom l-ebda htiega jintavolaw proceduri ghal separazzjoni proprju ghaliex ma hemm l-ebda assi u l-ebda pretensjoni ta’ manteniment.

10. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili , Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbu sabiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Novembru 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom de facto separati ghal perjodu ta' aktar minn erba' snin u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------